**FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**

**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**

**DR ANTHONY J. VELLA BA.,LL.D.,MA**

**ILLUM 19 ta' Novembru 2015**

**SPETTUR**

**Yvonne Farrugia**

**VS**

**Joseph Francis Scerri**

**Il-Qorti;**

Wara li rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra;

Joseph Francis Scerri ta' 53 sena, bin John u Anne nee' Serpina, mwieled Pieta' fit-23 ta' Marzu 1962, residenti temporanjament CCF u detentur tal-Karta tal-Identita' bin-numru 214062M;

> Talli f'April 2012 f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

1) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kmimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' Maria Concetta k.a Marcette Cefai minn Attard u ta' HSBC Malta;

Ukoll talli f'Lulju 2012 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, b'diversi atti maghmulin minnu fi zminijiet differenti, izda li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda;

2) B'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann jew billi wera haga b'ohra sabiex igieghel jitwemmen l-ezistenza ta' intrapizi foloz, jew ta' hila jew setgha fuq haddiehor jew ta' krediti imaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qliegh b'qerq ta' aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' Mario Gauci minn Birkirkara;
3) Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghali jew ghal persuna/I ohra, s-somma ta' aktar minn €2,329.37 ghad-dannu ta' Mario Gauci minn Birkirkara, liema somma giet fdata jew ikkunsinnata lilu that titolu li jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat u l-istess somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga jew servizz tieghu;
4) Aktar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi, ghamel falsifikazzjoni f'att awtentiku u pubbliku, jew fi skrittura kummercjali jew ta' bank

privat, b'falsifikazzjoni jew b'tibdil fl-iskrittura jew fil-firem, u cioe' b'diversi cekkijiet mahruga minn fuq kont bankarju tal-APS Bank numru 20001087070 li jippartjeni lil Mario Gauci minn Birkirkara, billi holoq il-pattijiet, disposizzjonijiet, jew obbligi foloz jew helsien falz minn obbligi jew billi dahhal dawn il-pattijiet, disposizzjonijiet, obbligi jew helsien minn obbligi f'dawk l-atti jew skrituri wara li jkunu gew iffurmati, inkella billi zied jew biddel klwasoli, dikjarazzjonijiet jew fatti, illi dawn l-atti jew skritturi kellhom ikollhom fihom jew kellhom jippruvaw;

5) Akar talli fl-istess dati, lokalitajiet u cirkostanzi xjentement ghamel uzu mill-istess atti, kitba jew skrittura falza;

Rat id-dokumenti ezebiti;

Rat l-atti kollha tal- kawza;

Semghet ix-xhieda prodotta;

**Ikkunsidrat;**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu, fil-qosor, is-segwenti. F'Gunju 2011, Mario Gauci, li hu wiehed mill-allegati vittmi ta' dan il-kaz, kien ta prokura lill-

imputat biex jamministralu l-kontijiet li kellu mal-bank APS. Huwa kien fdah b'din il-prokura peress illi kien ilu jafu xi zmien, u kien jaf li Scerri kien ghamel zmien jahdem f'bank. B'hekk l-imputat kien qed jiehu hsieb tal-kontijiet bankarji ta' Gauci. Irrisulta li Scerri beda johrog cekkijiet minn dawn il-kontijiet ta' Gauci u jmur isarrafhom f'banek ohra. Gara, ghalhekk, li fl-24 ta' April 2012, Scerri mar il-bank tal-HSBC f'Bugibba u ppresenta cekkijiet ta' Gauci mahruga mill-bank APS lil wahda mill-kaxxiera hemmhekk, Marcette Cefai, li sarrfitlu c-cekkijiet in kwistjoni. Dawn kienu jammontaw ghal aktar min hamsa w hamsin elf Ewro. Meta l-HSBC ra li dawn ma setghux jigu onorati mill-APS, ippruvaw jaghmlu tentattiv biex jirkupraw il-flus minn ghand Scerri, izda ma rnexxilhomx. Peress illi Marcette Cefai kienet sarrfet dawk ic-cekkijiet lill-imputat minghajr ma kienet segwiet il-procedura li kellha, l-impieg taghha gie tterminat mill-bank, u b'hekk tilfet is-somma tal-irtirar mill-istess bank fl-ammont ta' sitta w hamsin elf Ewro. Aktar tard saret kwerela minnha lill-Pulizija kontra Scerri, u wara li l-Pulizija investigat il-kaz, hi ressqet lill-imputat b'dawn l-akkuzi odjerni.

Mill-provi prodotti rrisulta s-segwenti. Kif inghad hawn fuq, il-Pulizija kienet rceviet kwerela minghand Dottor Stefano Filletti, fit-tlieta u ghoxrin (23) ta' Mejju elfejn u tnax (2012), fejn kien talab lill-Pulizija sabiex jinvestigaw kaz ta' frodi kontra Joseph Francis Scerri bil-karta tal-identità 214062M. Il-kwerela saret f'isem Marcette Cefai, fejn inghad li hi kienet ex impjegata tal-bank HSBC u ghalhekk kienet giet mitkellma. Hija kienet halliet dikjarazzjoni fejn qalet li bhala ex impjegata tal-bank HSBC fil-branch ta' Bugibba, f'April tal-elfejn u tnax (2012) kienet giet sospiza minn fuq il-post tax-xoghol taghha u tilfet ukoll is-somma li kellha tiehu fl-ahhar ta' Gunju tal-elfejn u tnax (2012) li kienet tammonta ghal sitta u hamsin elf ewro (€56,000), minhabba l-fatt li bejn l-ghoxrin (20) u l-erbgha u

ghoxrin (24) ta' April tal-elfejn u tnax (2012) kien gie Joseph Scerri, li hija tiftakru bhala ex impjegat ukoll tal-HSBC, fil-branch ta' Bugibba fejn hi kienet qed taghmel ix-xoghol taghha ta' kaxxiera. Hu kien prezenta ruhu mal-bank u beda jkellimha u beda jghidilha x'kien ghamel wara li hu telaq mill-HSBC u li kien beda fuq negozju ta' proprjetà fil-Bulgarija u beda jpingilha stampa li huwa sar businessman kbir u li ghaddej tajjeb fil-flus. Waqt dan il-hin kien prezenta ukoll numru ta' cekkijiet li kienu tal-APS u li kienu minn kont bankarju ta' Mario Gauci. Hija kienet fakkritu illi dawn ic-cekkijiet jiehdu tlett (3) ijiem biex jigu msarrfa min-naha tal-APS, però fuq l-istess diskors ta' Joseph Scerri dan irnexxielu jikkonvinciha u hi fdatu. Hemmhekk hi sarrfitlu ammont ta' cekkijiet li kienu jammontaw ghal mija erbgha u tletin elf, erba' mija u tmenin ewro (€134,430). Fil-fatt wara ftit granet il-bank HSBC kien kellem lil Cefai ghaliex parti kbira minn dawn ic-cekkijiet ma kinux gew milqugha min-naha tal-APS u dana ghaliex ma kienx hemm fondi fil-kont ta' Mario Gauci. Ghalhekk il-bank ghamel kuntatt mal-imputat fuq cekk ta' hamsa u tletin elf (35,000), u Scerri kien irrifonda mill-ewwel dan l-ammont. Però aktar tard kienu gew iktar cekkijiet li ma kinux gew imsarrfa u dan kien jammonta ghall-ammont ta' sitta u hamsin elf, mija u disghin ewro (€56,190). Izda dan ghalkemm kienu kkuntattjaw lil Joseph Francis Scerri dawn xorta ma kinux gew imhallsa. U dawn kienu r-ragunijiet prattikament ghal xhiex Marcette Cefai kienet tilfet ix-xoghol taghha u ghamlet il-kwerela.

Mill-investigazzjonijiet illi saru, gie rintraccat Mario Gauci, bil-karta tal-identità 452164M, li huwa minn Birkirkara u li l-kont bankarju tal-APS tieghu huwa 20001087070. Ic-cekkijiet li kienu baqghu ma gewx imhallsa kienu bin-numru 161, 60, 163, 162, 55, u 52, li kienu mahruga f'dati differenti u b'ammonti differenti ukoll. Gauci gie mitkellem ukoll mill-Pulizija, fejn fil-kaz taghha ukoll

kellha lil Mario Gauci kien spicca bhala vittma ta’ Joseph Francis Scerri. Gauci kien qal li lil Scerri kien ilu jafu ghal zmien twil u kien jafu ghaliex hu minn Birkirkara u kif ukoll kien jafu z-zmien li kien jahdem mal-HSBC. Gauci qal li lura fl-elfejn u tmienja (2008) Scerri kien gieghlu jinvesti fejn kien ghaddielu dak iz-zmien tmien mitt Liri Maltin (Lm800) fi flus kontanti biex jinvestihomlu. Huwa kien baqa’ zamm dan il-kuntatt mieghu ghaliex Mario Gauci huwa bniedem illitterat, ma jafx jaqra u lanqas jikteb, u allura lil Scerri kien jafdah biex jispjegalu l-istatements tal-bank, u d-dokumenti li kien jircievi.Konsegwentement, Scerri f’Gunju tal-elfejn u hdax (2011) qal li kien issuggerielu biex jaghmillu prokura fejn Scerri kien seta’ jehodlu hsieb tad-dokumenti tal-bank kollha tal-APS. Fil-fatt Gauci kien digà jafdah u allura kien iffirmalu din il-prokura sabiex jinvestilu dawn il-flus u sabiex ukoll ihallas xi charges u xi kontijiet relatati ma’ dawn l-investimenti li kien qed jaghmillu fil-kumpanija taz-zejt u xi investimenti ohra mal-Vatikan. Fil-fatt qal ukoll illi kien f’xi Awwissu tal-elfejn u hdax (2011) meta Scerri kien ikkuntattja lil Gauci fejn talbu iktar flus biex jinvestilu u hemmhekk, minhabba li Scerri kien qieghed imsiefer, Mario Gauci kien mar ha loan ukoll mill-bank fejn fuq struzzjonijiet li kien tah Scerri kien ftiehem mal-mara tal-imputat, Maryanne Scerri, u hemmhekk kien ghadda dawn il-flus lilha. Ingabret id-dokumentazzjoni mill-APS fir-rigward tal-prokura kif ukoll tal-kontijiet li kien hemm fuq isem Mario Gauci, minn fejn irrisulta dak kollu li gia’ inghad hawn fuq.

Meta gie mitkellem l-imputat, kien irrilaxxa zewg stqarrijiet dettaljati. Fl-ewwel wahda, kien spjega li hu dak iz-zmien ma kienx qed jahdem, kien biss qed jghin lil mara tieghu fix-xoghol taghha, kellha xi hanut ta’ household goods.  Qal ukoll li kellu xi business tal-karozzi, però dan ma setax ikomplih minhabba l-problema li kellu ta’ flus. Qal li ghamel zmien twil jahdem l-HSBC, madwar tlieta u ghoxrin

(23) sena. Ikkonferma dak kollu li kienet qalet Cefai, li fil-fatt kien mar isarraf dawn ic-cekkijiet u li ma qaghadx jistenna imma l-cash tathomlu mill-ewwel. Qal ukoll li lil Mario Gauci kien ilu jafu zmien twil u li kien ighinu minhabba li huwa ma kienx jaf jaqra u jikteb. Qal li kien ikun hu biss prezenti meta kien jispjegalu dawn l-istqarrijiet tal-bank.

Meta gie mistoqsi dwar l-ewwel flus li Mario Gauci kien tah, it-tmien mitt lira Maltin (Lm 800), l-imputat qal li kien qallu biex jinvestihomlu. Izda meta kkonfrontat bl-ammonti l-ohrajn tal-flus li ha, qal li l-ohrajn se jhaddimhom fil-karozzi. Huwa ma ammettiex li l-flus Mario Gauci tahomlu biex jinvestihomlu f'investimenti tal-Vatikan u taz-zejt. Fit-tieni stqarrija mehuda fit-tieni (2) ta' Ottubru tal-elfejn u tnax (2012), mistoqsi jekk ghandux xi dokumenti li hu jista' juri li dan kien nefaq dawn il-flus, qal li m'ghandux dokumenti.

F'din l-istqarrija l-imputat kien ammetta li kien uza xi flus minn ta' Mario Gauci biex ihallas lil xi nies illi kellu jaghti. Meta mistoqsi x'inhu l-ammont li ghandu pendenti ma' Gauci hu qal li zgur li jeccedi l-mitt elf ewro (€100,000).

Apparti l-istqarrijiet tal-imputat, il-Prosekuzzjoni esebiet ukoll numru ta' dokumenti, fosthom analizi tal-istatement tal-kont ta' Mario Gauci. L-ewwel erba' (4) cekkijiet ma kinux gew imsarrfa, izda gew "reversed" u kien hemm "charge" fil-kont. Imbaghad hemm numru ta' cekkijiet bejn il-hamsa (5) u t-tmintax (18) li huma numru ta' cekkijiet li jammontaw ghal tnejn u sttin elf u mitt ewro (€62,100), huma dawn ic-cekkijiet li hu kien ipprezenta lil Marcette Cefai u li gew imsarrfa

minn naha tal-HSBC. Però c-cekkijiet l-ohra li qieghdin immarkati mid-dsatax (19) sal-hamsa u ghoxrin (25) dawn in-numru ta’ cekkijiet li l-APS regghet irritornat lura lejn l-HSBC mhux imsarrfa minhabba nuqqas ta’ fondi. U dan kien jammonta ghal sitta u hamsin elf, mija u disghin (56,190).

Il-Prosekuzzjoni tellghet diversi xhieda ohra biex tikkorrobora din il-verzjoni ta’ fatti. Marcette Cefai xehdet u spjegat kif hi kienet fdat lill-imputat bic-cekkijiet u sarrfithom, kontra l-prassi u r-regolamenti tal-bank stess, peress illi kienet gia’ sarrfet xi cekkijiet ohra tieghu fil-passat minghajr problemi. Xehed ukoll Mario Gauci, li wkoll ikkonferma li l-imputat kien fdah bil-flus tieghu sabiex dawn jigu investiti, skond Gauci, fil-Vatikan. Gauci deher ghal din il-Qorti bhala persuna ta’ intellett dghajjef u facilment impressjonabbli. Xehdu diversi persuni ohra, fosthom rappresentanti taz-zewg banek in kwistjoni, u dawn esebew kopji tac-cekkijiet in kwistjoni u kopji tal-kontijiet bankarji relattivi.

Min-naha tieghu, l-imputat xehed in difesa u stqarr li hu kien ftiehem ma’ Mario Gauci biex flimkien huma jibdew negozju ta’ importazzjoni ta’ karozzi, u ghalhekk saret dik il-prokura, sabiex l-imputat seta’ jiehu hsieb il-finanzi ta’ dan in-negozju. Ma esebixxa ebda document in sostenn ta’ dan. Qal li dan in-negozju tal-karozzi ma kienx mar tajjeb. Qal ukoll li Cefai kienet issarraflu dawn ic-cekkijiet mill-HSBC, ghalkemm l-istess cekkijiet kienu tal-APS, u ta’ dan kienet tippretendi rigal jew kumpens minn ghandu.

Illi l-gurisprudenza dwar ir-reat ta' frodi hija ben definita fis-sentenzi tal-qrati taghna. Hekk, per ezempju, kienet qalet il-Qorti tal-Appelli Kriminali fis-sentenza taghha tal-17 ta' Settembru 2008 fil-kawza fl-ismijiet "Pul. V. Gino Zammit:

"Kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament preseduta: "*L-element essenzjali ghall-kostituzzjoni tar-reat ta' truffa hija l-mise en scene, cioe' dawk l-artifizji jew raggieri idoneji li jinducu w li effettivament ikunu nducew lill-vittma fi zball - ingann - li b' konsegwenza ta' dak l-izball il-vittma taghmel jew tonqos milli taghmel xi haga li ggibilha telf patrimonjali bil-korrispondenti qliegh ghall-agent.*" (App. Krim. "**Il-Pulizija vs. Emanuele Ellul**" [20.6.1991]."

Mill-assjem ta' dawn il-provi huwa car ghall-Qorti li l-imputat ha l-flus ta' Mario Gauci mill-kontijiet bankarji tieghu billi ha prokura minn ghandu u kiteb numru ta' cekkijiet f'ismu stess jew f'isem terzi, u ma ta ebda spjegazzjoni ta' dan, hlief li kellu negozju ta' bejgh u xiri ta' karozzi li kien mar hazin. Din l-ispjegazzjoni, bid-dovut rispett kollu, ma taghmilx sens. Li jintefqu aktar minn mitt elf Ewro minn kont bankarju minghajr ma hemm l-anqas importazzjoni wahda biss ta' vettura huwa inverosimili ghall-ahhar. Hija spjegazzjoni semplicistika u m'ghandhiex mis-sewwa, u ghalhekk assolutament ma tistax titwemmen.

Irrisulta wkoll li l-imputat kien sarraf numru ta' dawn ic-cekkijiet fil-bank HSBC permezz ta' Marcette Cefai, izda l-ahhar numru ta' cekkijiet ma gewx onorati mill-APS, minkejja li Cefai kienet gia' sarrfithomlu mill-HSBC. Ghalhekk dan l-ahhar bank kien gie skopert ghal eluf kbar ta' Ewro, u meta parti biss minn dawn il-flus gew irkuprati mill-imputat, il-kumplament kellhom jittiehdu mis-somma li kienet dovuta lil Cefai bhala skema ta' hlas tas-servizz mal-irtirar. Huwa evidenti ferm ghall-Qorti li l-imputat qarraq b' Mario Gauci u b' Marcette Cefai, bil-konsegwenza li dawn it-tnejn tilfu somom konsiderevoli ta' flus minhabba f'hekk.

Dan huwa l-agir tipiku ta' dak li jissejjah fil-kamp tal-ligi penali bhala l-"confidence trickster", il-persuna li tirbah il-fiducja ta' persuni u tiehu vantagg minnhom billi tiehu l-flus kollha taghhom. Ta' dan l-agir tal-imputat, il-Qorti qed issibu hat ital-akkuzi kif dedotti kontra tieghu, u ghalhekk sejra taghti piena qrib il-massimu possibbli f'dan il-kaz.

**Ghal dawn il-motivi l-Qorti;**

Wara li rat l- Artikoli 17, 23A(2), 23B, 31, 533, 18, 308, 309, 310(1)(a), 293, 294, 183, u 184 tal- Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Issib lill-imputat hati u ghaldaqstant tikkundannah piena ta' ghaxar (10) snin priguneria.

Din il-Qorti spjegat il-portata tas-sentenza lill-imputat.

**DR ANTHONY G VELLA BA. LL.D. M.A.**

**MAGISTRAT**